**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 37 – IT-TLIETA, 11 TA' LULJU 2017 FIS-6.15 PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousù | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Alfred Mangion | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 36**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Salvatore Mousù ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Kien hemm qbil li jsir manutenzjoni fuq U bollards fi Triq Antonio Schembri.

2.2 Il-Kumitat ġie nfurmat li saret laqgħa mar-rappreżentant tal-Ministeru tat-Trasport. Ġejna nfurmati li għandha ssir talba lill-aġenzja ġdida tat-toroq rigward Triq il-Gojjin.

**3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

3.1 Ġie innutat li saru t-tabelli biex ma narmix skart mal-iskips tar-reċiklaġġ. Saru wkoll id-dropper curbs fi Triq Antonio Schembri.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Kien hemm qbil li jsiru l-plakek tal-ismijiet tat-toroq f'diversi toroq. Kien hemm qbil ukoll li jsir manutenzjoni fuq is-soft area fi Triq tas-Sliema kantuniera ma' Triq Birkirkara.

4.2 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Kunsill approva li ssir zebra crossing fi Triq Bellavista kantuniera ma' Triq San Ġwann tal-Għorgħar.

4.3 Għandha ssir talba biex TM tikkonsidra li jerġa' jiġu nstallati traffic lights fil-parti ta' fuq fi Triq tas-Sliema.

4.4 Għandhom jiġu mneħħija siġar fi Triq Antonio Schembri li hemm fuq il-bankina.

4.5 Kien hemm qbil li jitqabbad designer biex issir professjonalment l-istemma tal-Kumitat fuq disinn diġà approvat.

4.6 Ġie innutat li għad irid jinstab kuntrattur biex tiġi migrufa Triq il-Malvizz.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 8 ta' Awwissu 2017 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |